**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**3 ta' Marzu 2025**

**Rikors Numru 93/2024**

**Avv. Dr. Simon Peter Schembri**

**Vs**

**Il-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali (LESA)**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat mill-**Avukat Dr. Simon Peter Schembri** datat 11 ta' Settembru 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi it-Tribunal Lokali Ċentru permezz ta' deċiżjoni mogħtija nhar is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) (kontravenzjoni numru 114-56811-5) sabet lir-rikorrent ħati li saq b'veloċita' eċċessiva ta' aktar minn ħmistax (15)-il kilometru/siegħa fuq il-limitu impost mill-liġi skond it-tieni skeda tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi għalhekk ir-rikorrent ġie mmultat iħallas ammenda fl-ammont ta' disgħa u sittin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88) u ordnat li jekk din ma titħallasx fi żmien xahar mid-data tas-sentenza għandu jiżdied ma' dan l-ammont penali addizzjonali ta' ħdax il-ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) flimkien ma' erbgħa (4) punti miżjuda fuq il-liċenzja tas-sewqan tiegħu;*

3. *Illi r-rikorrent ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kummissarju u għalhekk a tenur tal-Artikolu 11(1) tal-Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta intavola rikors ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati liema kawża għaddiet in ġudikat (per sentenza tal-Onor. Maġistrat Dr. Victor G. Axiaq) fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u permezz ta' liema deċiżjoni, dik l-Onorabbli Qorti caħdet ir-rikors ta' appell tar-rikorrent;*

4. *Illi ġialadarba allura illi r-rikorrent, bħala l-parti interessata, sar jaf illi dak l-att amministrattiv da parti tal-intimat ġie kkonfermat permezz ta' sentenza mogħtija*

*mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-istess rikorrent qiegħed a tenur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta jintavola din l-umili talba tiegħu quddiem dan l-Onorabbli Tribunal entru ż-żmien ta' sitt (6) xhur sabiex tiġi riveduta l-att ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika ossia d-deċiżjoni tat-Tribunal Lokali Ċentru suriferita, u ċioe' dik mogħtija nhar is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) (kontravenzjoni numru 114-56811-5) illi permezz tagħha r-rikorrenti instab ħati li saq b'veloċita' eċċessiva ta' aktar minn ħmistax (15)-il kilometru/siegħa fuq il-limitu impost mill-liġi skond it-tieni skeda tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta liema decizjoni giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Magistrati fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);*

5. *Illi fl-ewwel lok r-rikorrent jaghmel riferenza ghall-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta li tirregola l-limiti tal velocita fit-toroq ta' pajjizna u kif ukoll l-uzu ta' apparat ta` sorveljar ta` velocita` biex jigu nfurzati l-istess limiti ta` velocita. Dawn huma regolati fl-artikolu 127(3) tal-istess Legislazzjonji Sussidjarja li tipprovdi li "ritratti fotografiċi, films, reġistrazzjonijiet video, xbihat elettroniċi jew kull tip ta' reġistrazzjoni oħra li ssir permezz ta'* ***xi apparat ta' sorveljar ta' veloċità preskritt****, inkluża kull reġistrazzjoni ta' xi tikjil li jkun sar mill-apparat, għandhom ikunu aċċettati bi prova" [sottolinear u enfazi mizjud]*

   *Illi l-artikolu 127(11) tal-istess Legislazzjoni sussidjarja jiddefinixxi "apparat ta' sorveljar ta' veloċità'" bhala "dak l-apparat preskritt taħt is-subregolament (3) li jkun jista' jiffotografa jew jaqbad ix-xbieha ta' vettura bil-mutur filwaqt li jkun qiegħed fl-istess ħin ikejjel u jirreġistra l-veloċità tagħha"*

   *Huwa car u evidenti illi skond din id-definizzjoni il-Liġi ma tagħmel ebda distinzzjoni bejn fixed speed camera jew speed hand gun jew kwalunkwe apparat iehor li jista' ikejjel u jirregistra l-velocita. Illi b'hekk, d-definizzjoni ta' "apparat ta' sorveljar ta' veloċità'" tinkludi kull tip ta` apparat.*

6. *Illi r-rikorrent irid umilment jirrileva illi la l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ebda leglislazzjoni ohra ma jipprovdu illi ghandu jkunu hemm xi forma ta' senjaletika jew avviz qabel kwalunkwe apparat ta' sorveljar ta' velocita biex tinforma lil pubbliku in generali li qedin jintuzaw xi forma ta' apparat ta` sorveljar, hu x'inhu ghall infurzar. Illi, mandankollu, Transport Malta fl- 2012 kienet harget Consultation Document bit-titolu "Speed Management on Maltese Roads Policy and Technical Guidance Manual" fejn ntqal f'pagna 51 li:*

   > *"a policy decision was taken that the speed cameras were to be permanently fixed, visible and the* ***approaches were to be clearly signed with information signs to advise that cameras are being used for enforcement*** *and the osted maximum speed limit" [enfazi mizjud]*

*Illi kif kulhadd huwa konsapevoli minn meta ddahhlu il-fixed speed cameras f'pajjizna dejjem kien hemm senjaletika qabel kull wahda minnhom biex tinforma lil pubbliku in generali li qedin jintuzaw dawn il-fixed speed cameras ghall infurzar.*

*Illi min naha l-ohra, din l-istess senjaletika mhijiex qeghda tintuza (u ma ntuzatx b'mod specifiku fil-kaz mertu ta` dan ir-rikors) meta jintuzaw l-ispeed hand guns.*

7. *Il-fatt li bhala policy u bhala stat ta` fatt intuzaw u ghadhom jintuzaw xi forma ta' senjaletika qabel il-fixed speed cameras giet mahluqa aspettativa legittima li jkun hemm l-istess tip ta` senjalatika qabel l-uzu ta` speed hand guns.*

8. *Il-kuncett ta` Aspettiva Legittima jfisser li l-pubbliku in generali ghandhom id-dritt li jistennew li l-awtoratijiet pubblici jagixxu b'mod konsistenti u b'mod gust. F' dan illi mkaz hiwa car li l-aspettativa legittima tar-rikorrent giet miksura u dan minhabba li l-awtoratijiet mhumiex qed jagixxu b'mod konsistenti u lanqas b'mod gust.*

9. *Illi sabiex ikun hemm kemm konsistenza u agir b' mod gust jsegwi illi kull sewwieq għandu aspettativa leġittima illi jkun infurmat b'kull tip ta' apparat ta' sorveljar ta' veloċità preskritt, u dan bħala mezz trasparenti ta' kif għandhom jinġiebu l-provi kontra min isuq b'veloċita' eċċessiva fuq il-limitu impost mill-liġi, kif del resto hu paċifiku fil-każ ta' fixed speed cameras;*

10. *Illi l-prinċipju tal-aspetazzjoni leġittima u ċioe' d "doctrine of legitimate expectations" kif kien enunċjat fid-deċiżjoni tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Lulju 2005 fil-kawża fl-ismijiet* ***Woodline Limited vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*** *jfisser illi:*

> *"Kull persuna ghandha dritt illi min-naha ta' l-amministrazzjoni ta' Stat Membru jew inkella min-naha ta' l-istituzzjonijiet tal-UE tistenna l-mod kif dawn jiehdu d-decizjonijiet taghhom* ***jehduhom b'tali u manjiera u b'tali sekwenza li min se jigi affettwat b'tali decizjonijiet ikun u jinducuh f'direzzjoni li jkun jaf x'qed jistenna****."; (enfażi u sottolinear miżjud)*

11. *Illi kif intqal minn Lord Denning fil-kawża* ***Schmidt vs Secretary of State for Home Affairs (1969):***

> *"if a person had a right, an interest or a legitimate expectation he could claim at least a right to be heard wherever a public authority has by promise* ***or conduct created a legitimate expectation****"; (enfażi u sottolinear miżjud)*

12. *Illi allura l-imsemmija "conduct" diġa stabbilita u eżistenti tal-amministrazzjoni pubblika fil-każ ta' apparat wiehed ta' sorveljar ta' veloċità preskritt (il fixed speed cameras), b'mod naturali ħolqot aspettazzjoni leġittima illi kull tip ta' apparat ieħor ta' sorveljar ta' veloċità preskritt għandu jintuża b'mod trasparenti, konsistenti u gust u b'hekk l-preżenza tal-ispeed hand guns għandha tkun ukoll viżibilment mgħarrfa għaliex l-ebda apparat ta' sorveljar ta' veloċità preskritt ma għandu jgawdi minn xi vantaġġ ad eskulżjoni ta' oħrajn, wisq anqas l-istess speed hand guns;*

13. *Illi in oltre, fil-kaz odjern apparti l-"conduct" kien hemm ukoll policy tal-awtorijiet pubblici li giet stabillita u li bl istess mod ghandha tkun applikata b'mod konsistentu u gust u l-Qorti ghandha tara li din l-aspettativa legittima li nholqot tigi rispetata hekk kif intqal mill-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales fil-kawża* ***R vs North and East Devon Health Authority ex parte Coughlan (1999)****:*

> *"The Court's task in all these cases is not to impede executive activity but to reconcile its continuing need to initiate or respond to change with the legitimate interests or expectations of citizens or strangers who have relied,* ***and have been justified in relying, on a current policy or an extant promise*** *"; (enfażi u sottolinear miżjud)*

14. *Illi ukoll kif kien intqal minn Lord Halsbury f'każ ieħor famuż Ingliż* ***Sharp vs Wakefield (1891)****:*

> *"****Something is to be done according to the rules of reason and justice not according to private opinion, according to law and not to humour, It is to be not arbitrary vague and fanciful but legal and regular.****" (enfażi u sottolinear miżjud)*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:*

1. *Jiddikjara illi l-uzu ta' speed hand gun fil-kontront tar-rikorrent dak in-nhar tal 11 ta' Awwissu 2023 minghajr ebda sinjal jew avviz huwa bi ksur tal-aspettattiva leggitma tas-sewieq rikorrenti;*

2. *Jiddikjara illi bhala rizultat ta' l-ewwel (1) talba, l-użu tal-ispeed guns moħbija huwa abbuż ta' poter u nuqqas ta' raġonevolezza rikjesta fl-użu tad-diskrezzjoni mogħtija lil awtorita' pubblika fil-konfront tar-rikorrent;*

3. *Illi konsegwentement tiddikjara illi d-deċiżjoni mogħtija nhar is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) mit-Tribunal Lokali Ċentru permezz ta' kontravenzjoni numru 114-56811-5 illi sabet lir-rikorrent ħati li saq b'veloċita' eċċessiva ta' aktar minn ħmistax (15)-il kilometru/siegħa fuq il-limitu*

*impost mill-liġi skond it-tieni skeda tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tiġi rrevokata stante illi hija waħda nulla u bla effett;*

4. *Illi ukoll tordna illi l-inimtat iħassar it-tali kontravenzjoni u tillibera lir-rikorrent mid-deċizjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu.*

Ra r-risposta tal-**Agenzija intimata** ppreżentata fit-2 ta' Ottubru 2024 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eċċipjenti mhiex il-leġittimu kontradittur għall-lanjanzi tar-rikorrenti stante li hawn si stratta ta' kontravvenzjoni deċiża mill-Kummissarju tal-Ġustizzja u kkonfermata mill-Qorti tal-Maġistrati;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, l-Aġenzija rispondenti qiegħda tikkontesta l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jisma' u jitratta l-lanjanzi u konsegwenti talbiet tar-rikorrenti kif diretti;*

3. *Illi preliminarjament ukoll, permezz ta' din ir-risposta, l-Aġenzija rispondenti qiegħda titlob in-nullita` tar-rikors mertu għal din il-risposta ratione materiae stante li minn qari tal-istess rikors odjern, jirriżulta b'mod ċar li r-rikorrenti mhux qiegħed jilmenta minn xi deċiżjoni meħuda mill-Aġenzija rispondenti, iżda, l-ilment tiegħu huwa dirett minn deċiżjoni tal-Kummisarju tal-Ġustizzja u eventwalment minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati;*

4. *Illi r-rikorrenti mhux qiegħed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrevedi u jirrevoka xi deċiżjoni tal-Aġenzija rispondenti, u ċioe' l-unika funzjoni ta' dan it-Tribunal, iżda nonostante din il-funzjoni, ir-rikorrenti qiegħed jagħmel dikjarazzjonijiet u talbiet li jeżorbitaw mill-poteri ta' dana l-wisq Onorabbli Tribunal, hekk kif stabbiliti bil-provvedimenti tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Aġenzija rispondenti tikkondenti li għar-rigward tal-veloċitajiet massimi fit-toroq nostrana, tali huma regolati bil-liġijiet viġenti;*

6. *Illi l-eċċipjenti tikkondenti wkoll li kuntrarjament għal dak li qiegħed jintqal fir-rikors mertu għal din ir-risposta, l-att li bih instab ħati r-rikorrenti huwa reat kontravvenzjonali emanenti mill-Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa att amministrattiv;*

7. *Illi r-rikorrenti, permezz ta' dawn il-proċeduri qiegħed jittanta sabiex iħassar kontravvenzjoni li ġiet deċiża u kkonfermata kemm mill-Kummissarju tal-Ġustizzja u kif ukoll mill-Qorti tal-Maġistrati;*

8. *Illi sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-Aġenzija rispondenti mxiet korrettement u skont il-liġi;*

9. *Illi għalkemm it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Ra illi t-tieni eċċezzjoni tal-Aġenzija intimata hija ta' natura preliminari stante li titratta dwar il-kompetenza tal-istess Tribunal biex jisma' u jiddeċiedi l-materja trattata fir-rikors promutur;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-istess eċċezzjoni;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija waħda pjuttost limitata u dan kif jemani minn artikolu 5 u 7 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), u ċioe`:-

*5.(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop lijkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li* ***jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi.***

*7.(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.*

*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoni tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni"*

Illi minn qari ta' dawn id-disposizzjonijiet ta' din il-liġi speċjali jemerġi mill-ewwel ċar illi dan it-Tribunal m'għandux ġursidizzjoni ġenerali sabiex jirrevedi kull att amministrattiv. Dan ġie kristillazzat bl-emendi li saru permezz tal-Att IV tal-2016 fejn ġie introdott

subinċiz (2) fl-artikolu 5 u dana sabiex jiġu eliminati ċerti dubji li seta' kien hemm fil-bidu li beda jitħaddem l-istess Att.

Illi iktar minn hekk, l-istess Att jgħid ċar x'inhu u x'mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Wieħed mill-għanijiet wara t-twaqqif ta' dan it-Tribunal kien sabiex l-appelli minn ħafna entitajiet governattivi dwar deċiżjonijiet meħudin minnhom jiġu ċentralizzati f'dan it-Tribunal. Madankollu l-istess Att ħaseb ukoll sabiex jidentifika l-istess entitajiet amministrattivi li d-deċiżjoni tagħhom tkun suġġetta għal appell quddiem dan it-Tribunal u dana għaliex f'Artikolu 25 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta insibu s-segwenti:-

*"(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu minn issa 'l quddiem ikollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunali amministrattivi msemmija fil-liġijiet elenkati fit-Tielet Skeda*, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu."*

**Mħolli barra taħt l-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji. L-emendi li kien hemm fl-Iskeda ġew inkorporati fil-leġiżlazzjoni relativa.*

Jekk wieħed iħares lejn it-Tieni Skeda li wieħed isib fil-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta ikollu stampa ċara liema huma l-liġijiet li jagħtu dritt lil persuna aggravata tressaq appell quddiemu minn xi deċiżjoni jew att amministrattiv. Di fatti, it-Tieni Skeda telenka f'liema Qorti, u ċioe` jekk hux dik inferjuri jew superjuri, wieħed jista' jappella mid-deċiżjonijiet ta' dan it-Tribunal. Kwindi huwa ċar daqs il-kristall li dan it-Tribunal għandu l-kompetenza tiegħu limitata sabiex jisma' dawk l-appelli fejn il-liġi speċjali telenka li jeżisti tali dritt, bil-konsegwenti dritt ta' appell quddiem il-qrati superjuri. Dan ifisser illi appelli minn deċiżjonijiet jew atti amministrattivi oħra huma ta' kompetenza ta' fora oħra.

Illi dan kollu ġie rifless fis-sentenza **Raymond Abela vs Awtorita` għat-Trasport f'Malta**[1] fejn il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ġiet delineata bil-mod segwenti, u dan ferm qabel ma ġie promulgat l-Att IV tal-2016 imsemmi iktar 'il fuq, u ċioe`:- "*illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-legislatur ma deherlux li kellu jhassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bhala ghodda ta' stharrig gudizzjarju ta' l-ghemil ta' l-amministrazzjoni pubblika. Id-disposizzjonijiet li jghoddu ghall-Qorti ma jestendux irwiehom ghat-Tribunal. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stharrig kif ukoll it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jwettqu setghat li jixxiebhu. Izda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubblici jew dawk il-korpi biss li l-Att kostituttiv tieghu espressament jaghnih bihom fit-Tielet Skeda tieghu [Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta] u ma ghandux is-setgha li jistharreg l-ghemil ta' awtoritajiet ohrajn li jaqghu fil-kompetenza wahdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgha ta' din il-Qorti li tisma' kawza ta' stharrig gudizzjarju tibqa' wahda residwali bhala garanzija ahharija fejn il-persuna mgarrba ma jkollhiex rimedju iehor gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju taht xi ligi ohra jew quddiem xi tribunal iehor. Minn din is-sentenza jidher car li skond il-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva hija limitata biss ghal dawk l-awtoritajiet pubblici li l-Ligi kostituttiva*

[1] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 2012

*taghhom taghti dritt ta' appell minn atti amministrattivi da parte taghhom ghal quddiem dan it-Tribunal."*

Illi fil-każ in eżami jirriżulta illi r-rikorrent istitwixxa dawn il-proċeduri kontra l-Kap Eżekuttiv tal-Agenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali (LESA). Illi din l-Aġenzija ġiet imwaqqfa permezz tal-Avviż Legali 153 tal-2015. Ai termini tal-artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 595.14 (Ordni Dwar it-Twaqqif Tal-Aġenzija Għas-Sistema Tal-Infurzar Lokali), waħda mill-funzjonijiet tal-istess Aġenzija hija l-"*infurzar ta' kwalunkwe liġi, regolament jew ordinament, liema infurzar ġie delegat lil kumitati reġjonali, kunsilli lokali jew lil dawk l-awtoritjiet lokali jew reġjonali oħra kif huma msemmija fl-Att dwar Gvern Lokali"*. Illi ċertament il-kontravvenzjoni li tagħha nstab ħati r-rikorrenti, u ċioe` dik ta' sewqan b'veloċita` eċċessiva, hija materja li tidħol fil-mansjoni ta' nfurżar fdati f'idejn l-Aġenzija intimata.

Illi l-leġislatur ħaseb ukoll għal dawk l-okkazjonijiet fejn persuna tħossha aggravata b'kontravvenzjoni bħal dik imposta fuq ir-rikorrent, u ċioe` billi l-istess persuna jkollha dritt tikkontesta l-istess kontravvenzjoni quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja.[2] Jekk imbagħad, l-istess persuna tħossha aggravata mid-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Ġustizzja, għandha rimedju sabiex tappella mill-istess deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Jirriżulta illi r-rikorrent appella quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif jirriżulta mis-sentenza esebita a fol.27. Kien għalhekk li wara li ngħatat tali deċiżjoni fl-14 ta' Marzu 2024, huwa ressaq din l-azzjoni quddiem dan it-Tribunal fejn talbu jiddikjara li l-użu ta' *speed hand gun* mingħajr ebda pre-avviż jew sinjal jikser l-aspettattiva leġittima tiegħu u għalhekk talab li jiġi dikjarat li dan l-aġir huwa wieħed abbużiv u irraġjonevoli. *In oltre* talab ukoll li l-multa inflitta fuqu tiġi annullata u kwindi jiġi liberat mill-kontravvenzjoni li nstab ħati tagħha.

Illi fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent iddikjara illi kien qed iressaq l-azzjoni tiegħu a tenur tal-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 490 ċitat iktar 'il fuq. Illi minn qari tal-istess disposizzjoni jirriżulta ċar illi t-Tribunal għandu kompetenza jirrevedi dawk l-atti amministrattivi li xi liġi speċjali tassenja li jiġu sindikati minnu. Illi minn eżami tal-Legislazzjoni Sussidjarja 595.14 minn imkien ma jirriżulta illi l-istess legislazzjoni tagħti din il-kompetenza lil dan it-Tribunal. Illi għaldaqstant dan it-Tribunal se jiddikjara ruħu inkompetenti biex jisma' u jiddeċiedi l-mertu ta' dan l-appell.

Illi pero` dan it-Tribunal, ladarba se jilqa' l-eċċezzjoni mqajjma dwar in-nuqqas ta' kompetenza tiegħu, irid jiddeċiedi jekk għandux jitrasferixxi l-atti lil xi Qorti oħra li hi kompetenti tisma' u tiddeċiedi l-aggravji tar-rikorrent. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv li jista' jiġi sindikat ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, it-Tribunal se jkun qed japplika l-Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti, u ċioe`: *"l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tista' tinghata ... (b) meta, ghalkemm ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawza tingieb quddiem qorti diversa minn dik li ghandha tiehu konjizzjoni taghha:*

---

[2] Ai termini tal-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta

*Izda, jekk il-Qorti tikkunsidra li l-eccezzjoni hi gustifikata, il-Qorti ghandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li ghandhom jiehdu konjizzjoni ta' dik il-kawza:*

*Izda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu gew trasferiti l-atti tal-proceduri jikkunsidraw li ma ghandhomx gurisdizzjoni biex jiehdu konjizzjoni tal-kawza lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal iehor ghandhom, fi zmien ghaxart ijiem minn meta jkunu rcevew l-atti tal-proceduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigh quddiemhom, jibghatu l-atti tal-proceduri lill-qorti ta' l-appell li hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal iehor, liema qorti ghandha, fi zmien tletin gurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeciedi liema qorti, bord jew tribunal iehor ghandhom jiehdu konjizzjoni tal-kawza."*

Għalkemm dan l-Artikolu tal-Liġi jittratta dwar il-każ ta' eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza sollevata quddiem Qorti, it-Tribunal hu tal-fehma li dak hemm provdut dwar il-proċedura li għandha tiġi adottata f'każ li tali eċċezzjoni tirriżulta ġustifikata japplika anke għal proċeduri pendenti quddiemu fejn tkun ġiet sollevata l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza Tiegħu, u dana anke fid-dawl tal-fatt li a tenur ta' l-Artikolu 20(1) ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, it-Tribunal għandu l-istess setgħat li huma vestiti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili. Għaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jtenni li fil-fehma tiegħu ma huwiex kompetenti li jieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent, se jkun qiegħed jordna permezz ta' digriet *in camera* li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tieħu konjizzjoni tal-istess.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti filwaqt li qiegħed jilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Aġenzija intimata jiddikjara li m'għandux kompetenza li jisma' u jiddeċiedi l-mertu ta' dan l-appell.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**